MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 344/2010

**Go p.l.c.**

**vs**

**Karmenu u Michelina Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn talbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erba' mija u disa' ewro u hamsa u disghin centezmu (€409.95), in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21665302 (CN323179 – AC10007090).

Illi, interpellati diversi drabi sabiex ighaddu ghal hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza kontra l-konvenuti.

Bl-imghax u l-ispejjes.

Ra li l-konvenuti pprezentaw r-risposta taghhom, fejn eccepew illi d-dokmenti attrici huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-konvenuti ma gewx notifikati skont il-ligi, u cioe' l-istess Avviz tqassam gewwa resideza ohra li mhux tal-konvenuti.

Illi l-konvenuti qatt ma gew interpellati ghal hlas ta' ebda kont, anke meta kienu l-konvenuti li qatghu s-servizz aktar minn hames (5) snin ilu.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra li l-konvenuti pprezentaw nota ta' ammissjoni ghat-talbiet ta' l-attrici, kif dedotti.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Il-konvenuti pprezentaw nota ta' ammissjoni u ghalhekk bla ebda mod m'huma qed jikkontestaw it-talbiet attrici u ghaldaqstant dawn ghandhom jigu kkonfermati minn dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------